**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 23 ta’ Jannar 2001**

**Numru**

**Att ta’ Akkuza numru 3/98**

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**vs**

**Mario Camillleri**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza preliminari moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali fit-28 ta’ Mejju 1999, liema sentenza taqra kif gej :-

“Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 3/98;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat Mario Camilleri, minnu ppresentata fit-3 ta' Marzu, 1998;

Rat il-verbali tal-udjenzi tat-30 ta' Ottubru, 1998, 29 ta' Jannar, 1999 u 9 ta' Frar, 1999;

Rat in-nota ta' referenzi ta' l-Avukat Generali tat-22 ta' Frar, 1999, kif ukoll in-nota ta' referenzi tal-akkuzat li ggib l-istess data;

Ikkunsidrat:

F'dan il-kaz l-Avukat Generali ma ssolleva ebda eccezzjonijiet. Hemm biss eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi imqajjma mill-akkuzat li ser jigu kkunsidrati *seriatim*.

**1.** L-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat taqra hekk:

"Illi d-dritt tal-Avukat Generali li **jaghzel huwa** l-Qorti li quddiema ghandu jidher persuna akkuzata, li ipprokura u forna d-droga kokajina, hija kostituzzjonalment insostenibbli. Ghaliex l-ghazla tal-Qorti giet reza **dipendenti** mid-diskrezzjoni insindakabbli tal-Avukat Generali.

"Illi din id-dipendenza tal-Qorti mill-volonta' insidakabbli u diskriminatorja tal-Avukat Generali, ghandha bhala effett, li il-piena ghall-istess reat hija dik ta' ghomor il-habs jekk fil-ghazla tal-Avukat Generali, persuna hekk akkuzata tidher quddiem il-Qorti Kriminali; u ghall-istess reat jekk jintbaghat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati soggett ghall-piena minima ta' sitt xhur u massimu ta' ghaxar snin.

"Illi ghalhekk liema tkun il-Qorti li titratta kaz ta' persuna akkuzata b'reat ta' traffikar ta' drogi mhix wahda ta' Qorti indipendenti li tigi preza (seized) mill-kompetenza awtonoma taghha biex tisma' l-kawza, izda wahda **dipendenti** mill-ghazla insindakabbli tal-Avukat Generali.

"Illi dan imur kontra kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li trid tassigura li persuna akkuzata tigi processata minn Qorti **indipendenti**. Din l-indipendenza tfisser li l-kompetenza taghha, tkun ibbazata fuq kriterji objettivi, u mhux fuq kriterji ta' ghazla tal-prosekutur pubbliku."

Frankament din il-Qorti tara li din, aktar milli eccezzjoni preliminari fis-sens tal-paragrafi (f) jew (g) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali, tammonta ghat-tqanqil ta' kwistjoni kostituzzjonali fit-termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319. Bazikament l-akkuzat qed jallega li l-fatt li l-Avukat Generali ghandu, skond l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101, diskrezzjoni insindakabbli li jaghzel jekk persuna akkuzata b'reat kontra l-imsemmi Kap. 101 tigix iggudikata mill-Qorti tal-Magistrati jew minn din il-Qorti (il-Qorti Kriminali) (bil-konsegwenti differenza fil-piena li huwa jkun soggett ghaliha), jikser id-dritt fondamentali tieghu li jigi ggudikat minn qorti <u>indipendenti</u>. L-allegazzjoni, ghalhekk, hi ta' ksur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

Din il-Qorti tosserva li l-"kostituzzjonalita'" o meno tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 diga giet ezaminata u deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-27 ta' Settembru, 1990 fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Emanuel Grech, David Grech u Philip Grech***. F'dik is-sentenza dik il-Qorti kienet waslet ghall-konkluzzjoni li l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 ma jmurx kontra dak li jipprovdu l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa veru li f'dik is-sentenza l-emfasi kienet

fuq il-kuncett generali ta' "smigh xieraq", pero' dan il-kuncett jinkorpora fih, u hu bbazat ukoll fuq, in-nozzjoni tal-indipendenza u l-imparzjalita' tal-qorti li tkun qed tiggudika lill-akkuzat. Fi kwalunkwe kaz, u indipendentement minn dik is-sentenza, din il-Qorti ma tistax tara kif, imqar remotament, id-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali skond l-Artikolu 22(2) imsemmi tista' tincidi fuq l-indipendenza taghha. Tasal kif tasal kawza quddiem din il-Qorti -- bid-decizzjoni ta' parti wahda, bil-kunsens taz-zewg partijiet, jew minhabba disposizzjoni espressa tal-ligi li torbot lill-partijiet fil-kawza -- l-indipendenza ta' din il-Qorti hi marbuta mal-mod kif inhi, skond il-ligi, komposta u kostitwita. La n-natura tal-kawza li tingieb quddiemha u lanqas kif jew min igibha quddiemha ma jistghu remotament jincidu fuq tali indipendenza. Ghalhekk il-kwistjoni kif ventilata mill-akkuzat hi semplicement wahda frivola u, fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ga msemmija, anke wahda vessatorja ghax intiza biex prattikament terga' tiftah argumenti li ga gew dibattuti estensivament fil-kors ta' dik il-kawza kostituzzjonali.

**Ghalhekk din il-Qorti qed tiddeciedi li l-kwistjoni sollevata mill-akkuzat b'din l-ewwel eccezzjoni hi semplicement frivola u vessatorja fis-sens tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319, u konsegwentement qed tirrespingi wkoll l-istess eccezzjoni.**

**2.** It-tieni eccezzjoni tal-akkuzat tghid hekk:

"Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, fl-ewwel kap, l-esponenti jinsab akkuzat talli biegh jew xort'ohra ittraffika fid-droga kokajina minghajr ma kellu l-licenzja sabiex jipprokura l-istess droga u **b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula u li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi ukoll jekk maghmula fi zminijiet differenti u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda** u ntalab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u jigi kkundannat ghal prigunerija ta' ghomor.

"Illi l-Avukat Generali qieghed jitlob dan a bazi ta' l-emendi introdotti bl-Att numru XVI tal-5 ta' Lulju, 1996.

"Illi skond l-istess att ta' akkuza **"ghall-habta tal-bidu tas-sena 1996** Mario Camilleri iddecieda li jibda jipprokura u jforni d-droga perikoluza kokajina lil kullmin ried jakkwistaha".

"Illi l-Avukat Generali sostna li dan ir-reat sar **b'diversi atti maghmula li kienu jiskru l-istess dispozizzjoni tal-ligi** ukoll jekk fi zmien differenti u gew maghmula **b'rizoluzzjoni wahda**. Dan huwa r-reat kontinwat kontemplat fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali fejn dawn l-atti jitqiesu bhala **"reat wiehed** imsejjah reat kontinwat izda l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi".

"Illi ghalhekk il-piena ghal dan ir-reat a tenur tal-istess att ta' akkuza ghandu jkun dak stabbilit QABEL l-emendi tal-5 ta' Lulju,

1996 (Att XVI, 1996) u konsegwentement il-piena mandatarja tal-habs ghal ghomor kif prevista fl-att kif gie sussegwentement emendat, mhix applikabbli."

Ghalkemm din l-eccezzjoni, kif formulata, jidher li tolqot biss l-ewwel kap, permezz tal-ewwel parti tat-tielet eccezzjoni din donnha giet estiza anke ghat-tieni kap (ghalkemm f'dan it-tieni kap ma hemm ebda kwistjoni ta' reat kontinwat!). L-akkuzat bazikament qed jghid li galadarba l-Avukat Generali qieghed jakkuzah bir-reat kontinwat ta' traffikar, liema reat "beda" jsir qabel l-emendi introdotti bl-Att XVI tal-1996, il-piena ghar-reat ghandha tkun dik ta' qabel dawk l-emendi u mhux, ghalhekk, il-piena tal-ghomor. Ghalkemm, kif din il-Qorti kellha diga l-okkazzjoni li tfisser, il-kwistjoni tal-piena applikabbli mhix strettament materja ta' eccezzjoni preliminari, izda ghandha titqajjem fl-istadju msemmi fl-ewwel parti tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 490 tal-Kap. 9, l-akkuzat, a bazi tal-fatti kif allegati fl-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza, m'ghandux ragun. Jinghad "a bazi tal-fatti kif allegati fl-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza" ghax jekk fil-kors tal-guri l-fatti jirrisultaw differenti minn kif allegati -- u din il-Qorti diga qed tipprospetta l-htiega li l-gurati jesprimu ruhhom specifikatament fuq meta sehh, jekk sehh, l-ahhar att ta' traffikar (Art. 477, Kap. 9) -- il-piena tista' wkoll tkun differenti minn dik mitluba. Pero' sa issa dak li qed jigi allegat fl-ewwel kap hu li l-attivita' ta' traffikar bdiet fil-"bidu tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996)" u "kompliet regolarment mill-imsemmi perijodu sal-ghoxrin ta' Gunju tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997)". L-emendi li introducew il-piena tal-ghomor gew fis-sehh fil-5 ta' Lulju, 1996. Ghalhekk l-Avukat Generali qed jallega li fil-kors ta' dan ir-reat kontinwat ta' traffikar saru atti ta' traffikar kemm qabel kif ukoll wara dik id-data. Il-kwistjoni hi: liema hi l-piena bazi (jigifieri l-piena minghajr iz-zieda ta' grad jew zewg gradi) ghar-reat in kwistjoni -- dik ta' meta sehh l-ewwel att ta' traffikar jew dik ta' meta sehh l-ahhar att?

Ma hemmx dubbju li fil-ligi taghna r-reat kontinwat (Artikolu 18) inholoq mill-legislatur bhala "fictio juris" biex fil-kaz ta' konkors ta' diversi reati li jsiru bi ksur tal-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu r-risultat ta' disinn kriminuz wiehed, tinghata piena wahda u mhux tant pieni daqs kemm kien hemm reati. Is-sentenzi citati mill-akkuzat fin-nota tieghu tat-22 ta' Frar, 1999 (cioe' ***R. v. Filletti et.***, 11/12/41 u ***P. v. Spiteri***, 15/9/45) semplicement jemfasizzaw il-htiega ta' disinn kriminuz specifiku wiehed ghall-fini tar-reat kontinwat izda b'ebda mod ma jindirizzaw il-problema tal-piena sollevata b'din it-tieni eccezzjoni. Anqas ma hu ta' ghajnuna f'dan il-kaz l-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali, peress li l-kwistjoni ma hix ta' xi differenza fil-piena bejn iz-zmien tal-kawza u z-zmien ta' meta sehh ir-reat. Il-kwistjoni hi propju: meta ghandu jitqies li sehh ir-reat kontinwat, bl-ewwel mid-diversi atti jew bl-ahhar wiehed minn dawk l-atti?

Kif inghad, ir-reat kontinwat hu fir-realta' maghmul minn diversi reati. Luigi Majno, fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 79[1] tal-

[1] "Articolo 79. Piu' violazioni della stessa disposizione di legge, anche se commesse in tempi diversi, con atti esecutivi della medesima risoluzione, si considerano per un solo reato; ma la pena e' aumentata da un sesto alla meta'".

*Codice Zanardelli* -- artikolu li essenzjalment hu identiku ghall-Artikolu 18 taghna -- jghid hekk:

"Il primo estremo importa adunque essere essenziale a costituire il reato continuato che vi sia la ripetizione di piu' azioni, ciascuna delle quali rappresenti una perfetta violazione di legge e non una semplice prosecuzione del delitto, come abbiamo veduto avvenire nei reati permanenti. In altri termini, per poter obiettare la continuazione, occorre che si possa obiettare la ripetizione. Non basta che il delinquente continui nello stato anitgiuridico creato col delitto, od ometta di riparare le conseguenze di questo, oppure ne goda tuttora i frutti, perche' si possa parlare di delitto continuato. Occorre che con una nuova azione il delinquente abbia posto in essere una violazione di legge gia' violata" (Majno, L., ***Commento al Codice Penale Italiano***, UTET, 1924, Vol. 1, para. 432, p. 270, sottolinear tal-Qorti).

Fil-kaz in dizamina, dak li qed jipprospetta l-Avukat Generali hu li kien hemm vjolazzjoni perfetta tal-ligi kemm qabel il-5 ta' Lulju, 1996, kif ukoll wara. Hu evidenti li ghal dik il-vjolazzjoni perfetta tal-ligi li sehhet wara dik id-data, il-piena ghar-reat singolu (i.e. minghajr il-kontinwat) hi dik ta' ghomor prigunerija (salv, naturalment, l-eccezzjonijiet li jipprospetta l-istess Kap. 101). Fil-fehma ta' din il-Qorti kien ikun kontrosens li tghid li ghal dik il-vjolazzjoni perfetta tal-ligi li sehhet wara dik id-data tapplika l-piena aktar miti ta' qabel. In fatti, kieku kien hekk, jigri li min ikkommetta att ta' traffikar wiehed biss izda wara l-5 ta' Lulju, 1996 ikun suggett ghall-piena tal-ghomor; mentri min, bhalma qed jigi allegat fil-konfront tal-akkuzat, jikkommetti diversi tali atti, li kollha jammontaw ghal vjolazzjoni perfetta tal-ligi, kemm qabel kif ukoll wara dik id-data, ikun soggett ghall-piena aktar miti ta' qabel il-5 ta' Lulju, 1996 semplicement minhabba r-risoluzzjoni kriminuza wahdanija. Din hi wkoll il-konkluzzjoni milhuqa mill-Majno. Infatti, fil-kumment tieghu ghall-Artikolu 2[2] tal-*Codice Zanardelli*, dan l-awtur jghid hekk:

"Proponendosi questa questione, opinano alcuni che lo scopo dell'agente consistendo nella totalita' dei singoli reati in cui si divide il reato continuato, si debba applicare la legge vigente al tempo dell ultimo atto, perche' e con questo che si avvera la consumazione del reato[3].

---

[2] "Articolo 2.

Nessuno puo' essere punito per un fatto che, secondo la legge del tempo in cui fu commesso, non costituiva reato.

Nessuno puo' essere punito per un fatto che, secondo una legge posteriore, non costituisca reato; e, se vi sia stata condanna, ne cessano l'esecuzione e gli effetti penali.

Se la legge del tempo in cui fu commesso il reato e le posteriori siano diverse, si applica quella le cui disposizioni sono piu' favorevoli all'imputato".

[3] Fil-ligi taghna wkoll ir-reat kontinwat jitqies ikkunsmat bl-ahhar att -- ara l-Artikolu 691(1) tal-Kap. 9.

"Oppongono altri non essere corretto il dire che il reato continuato si consumi coll'ultimo atto, che' ogni atto che entra a costituirlo rappresenta per se' una perfetta infrazione della legge, e tutti poi per mera finzione giuridica si unificano in una infrazione sola. Concludono quindi per l'applicazione della piu' mite fra le due leggi.

"L'esatta giustizia parrebbe richiedere per ciascuna serie di fatti il trattamento della legge sotto cui si svolse. Ma con cio' si scinderebbe la complessita' del reato continuato, e dal cumolo delle due penalita' potrebbe eventualmente risultare una pena piu' grave di quella che se tutti i fatti fossero avvenuti sotto la legge piu' severa. Cio' non essendo equo, e dovendo pur scegliere fra le due opinioni suaccennate, noi preferiano la prima. La figura del reato continuato e' nella sua genesi scientifica una finzione: ma una volta che questa finzione fu convertita in precetto legislativo, bisogna rispettarla in tutte le sue conseguenze. D'altro lato e' da evitare l'assurdo di applicare la legge piu' severa, e tra due ladri che egualmente rubarono cento in varie riprese dopo l'attuazione del nuovo codice, trattare con maggior indulgenza colui che ha il merito speciale di aver rubato dell'altro anche prima" (op. cit., para. 21, p. 14).

U a fol. 277 dan l-awtur jerga jtenni:

"Gia' vedemmo nel commento all'art. 2 l'effetto della continuazione nel conflitto fra due leggi penali, sotto ognuna delle quali siano avvenute alcune delle violazioni unificate da una sola risoluzione delittuosa. E' costante in giurisprudenza che la continuazione prolungatasi sotto una legge nuova piu' severa, va punita secondo questa" (op. cit., para. 442, p. 277).

Ghall-istess konkluzzjoni jasal il-Manzini:

"Ove il giudizio abbia per oggetto un reato *permanente* o *continuato*, protrattosi sotto l'impero di due leggi diverse, si applichera' in ogni caso l'ultima, perche' sotto di questa il reato si e' esuarito. Ma se una delle due leggi prevedesse la permanenza o la continuazione come causa d'aumento della pena, e l'altra no, si dovrebbe applicare questa, qualora l'aumento dipendesse esclusivamente dall'attivita' svoltasi sotto la legge piu' severa" (Manzini, V., ***Trattato di Diritto Penale Italiano***, Quinta Edizione, Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed., Vol. 1, para. 153, p. 391).

Ghalhekk fil-kaz in dizamina, u a bazi ta' dak li qed jallega l-Avukat Generali, il-piena minnu mitluba hi korretta.

**Ghall-motivi premessi, tichad din it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat.**

**3.** It-tielet eccezzjoni tghid hekk:

"Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni kap tal-att tal-akkuza japplika ukoll l-eccezzjoni ga moghtija *mutatis mutandis* ghall-ewwel kap tal-akkuza.

"Illi subordinatament u minghjr pregudizzju ghal fuq espost il-fatt li fil-fond "Emanuela", Triq is-Siegh, Tal-Ibragg kien hemm ammont modest ta' Lm 3,522 fi flus kontanti, ma jikkreax ir-rekwizit tar-reat kontemplat fl-artikoli menzjonati."

Kif diga accennat, fit-tieni kap ma hemm ebda kwistjoni ta' reat kontinwat. Il-flus allegatament instabu meta saret it-tfittxija mill-Pulizija li, skond l-ewwel kap, saret fl-20 ta' Gunju, 1997, f'liema data r-reat ta' "money laundering" kien ilu fis-sehh (dan gie introdott fil-Kap. 101 bl-Att VI tal-1994). Jekk, invece, b'din l-ewwel parti tat-tielet eccezzjoni l-akkuzat qed jirreferi ghall-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti ser tichadha ghall-istess ragunijiet li cahdet l-ewwel eccezzjoni inkluz li t-tqanqil tal-kwistjoni hi semplicement frovola u vessatorja fis-sens tal-Artikoli 46(3) tal-Kostituzzjoni u 4(3) tal-Kap. 319.

**Ghall-motivi premessi, din il-Qorti qed tirrespingi l-ewwel parti ta' din it-tielet eccezzjoni.**

Kwantu ghat-tieni parti ta' din l-eccezzjoni, dak li bazikament qed jallega l-akkuzat hu li dan it-tieni kap hu null peress li l-fatt kif migjub f'dan il-kap ma jammontax, fis-sustanza, ghar-reat li bih hu akkuzat (Art. 449(5)(b) tal-Kap. 9).

F'dan it-tieni kap Mario Camilleri qed jigi akkuzat bir-reat, relattivament gdid fis-sistema taghna, ta' "money laundering" kif kontemplat fl-Artikolu 22(1C)(a) tal-Kap. 101. Issa, dan ir-reat isehh mhux semplicement meta wiehed ikollu jew izomm ghandu flus li jkunu r-rikavat ta' bejgh ta' droga (jew ta' xi att iehor illecitu kif imsemmi fil-ligi), izda meta jkollu l-hsieb li jirrecikla (ghalhekk "to launder") dawk il-flus sabiex jiddistakkhom kemm jista' jkun mill-provenjenza illecita taghhom. In fatti, u b'mod semplici (peress li l-ligi tikkontempla diversi ipotesijiet) jista' jinghad, riferibbilment ghall-kaz in dizamina, li jkun hemm ir-reat *de quo* jekk jikkonkorru s-segwenti elementi: i) li l-akkuzat ikun uza, irceva jew zamm flus; ii) bil-hsieb li jahbi jew jikkonverti dawk il-flus; u iii) meta kien jaf jew kellu suspett li dawk il-flus kienu gejjin, direttament jew indirettament, mit-traffikar tad-droga jew attivita' illecita ohra kif previst fil-ligi.

L-ewwel paragrafu f'dan it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza jallega l-fatt tal-pussess ta' ammont ta' flus (Lm3,522) da parti tal-akkuzat. Dan jintegra l-ewwel rekwizit. It-tieni paragrafu, li jghid bazikament li l-akkuzat ma ta ebda spjegazzjoni ragonevoli dwar dawk il-flus, effettivament jisposta l-oneru dwar it-tielet rekwizit fuq l-akkuzat, fis-sens li huwa l-akkuzat li jrid jipprova, imqar fuq bazi ta' probabilita', il-provenjenza lecita ta' dawk il-flus. Pero' dwar it-tieni rekwizit, cioe' dwar il-hsieb li jahbi jew jikkonverti dawk il-flus, ma hu qed jinghad jew jigi allegat direttament xejn da parti tal-prosekuzzjoni. Dan il-hsieb li

jahbi jew li jikkonverti (f'dan il-kaz) il-flus hu element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat in dizamina, u ghalhekk ma jistax jinghad li fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari il-fatti kif migjuba jammontaw, fis-sustanza, ghar-reat li bih Camilleri qed jigi akkuzat.

**Konsegwenement u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' it-tieni parti tat-tielet eccezzjoni tal-akkuzat, u qed tiddikjara t-tieni kap null; u, wara li rat l-Artikolu 449(6) tal-Kap. 9, tordna li l-akkuzat jitqieghed, riferibbilment ghal dan it-tieni kap biss, fl-istess stat li kien qabel ma gie ppresentat l-Att ta' Akkuza.**

**4.** Permezz tar-raba' eccezzjoni l-akkuzat qed jallega li hemm konkors formali ossia ideali bejn it-tielet u l-ewwel kapi tal-Att ta' Akkuza. In sostenn tat-tezi tieghu huwa jiccita s-sentenza ta' din il-Qorti, kolleggjalment komposta, tas-16 ta' Mejju, 1952 fl-ismijiet ***R. v. Agnew***. Din is-sentenza, pero', b'ebda mod ma tikkonforta t-tezi tal-akkuzat; anzi pjuttost twassal ghall-konkluzzjoni opposta minn dik li jrid jasal ghaliha l-akkuzat. In fatti, kif dejjem gie ritenut, bejn il-pussess ta' droga u t-traffikar ta' droga ma hemm ebda ness naturali jew guridiku, u dan peress li wiehed jista' jitraffika minghajr qatt ma kien fil-pussess, materjali jew kostruttiv, ta' tali droga. Dan hu dovut ghad-definizzjoni wiesgha ta' "traffikar" moghtija fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101. Jekk, fil-kaz konkret, l-agent jitraffika d-droga li jkollu fil-pussess tieghu (bhalma jidher li qed jigi allegat minn qari flimkien tal-ewwel u tat-tielet kapi), dan ikun dovut mhux ghal xi ness naturali jew guridiku izda, fi kliem is-sentenza ***Agnew***, "as a result of the malice of the accused (accidental nexus)", peress li jkun iddecieda li oltre li jkollu l-pussess ta' dik id-droga, jispaccha wkoll. Jekk, imbghad, jirrisulta bhala fatt -- haga rimessa ghall-gurati -- li l-pusses ikun serva bhala mezz ghall-fini tat-traffikar, ikun applikabbli l-paragrafu (h) tal-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Inoltre hu ovvju li jekk ma tirnexxix l-akkuza ta' traffikar, il-prosekuzzjoni ghandu jkollha l-opportunita' f'dan il-kaz li tipprova ghall-anqas il-pussess tad-droga allegat fit-tielet kap, u r-reat ta' pussess ma jistax jitqies li hu kompriz u involut f'dak ta' traffikar. Ghalhekk, korrettement, l-Avukat Generali gab 'l quddiem zewg kapi separati, wiehed ta' traffikar u l-iehor ta' pussess.

**Ghall-motivi premessi, tirrespingi din ir-raba' eccezzjoni tal-akkuzat.**

**5.** Il-hames eccezzjoni tghid hekk:

"Illi ghal dak li huma l-provi, l-esponenti jeccepixxi fl-ewwel lok is-segwenti:- (a) illi l-provi hawn taht indikati, li gew prodotti wara li l-Qorti baghtet l-atti biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, ma jaqghux taht il-provvedimenti tal-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali. Dawn ix-xhieda huma *(......u jsegwu l-ismijiet ta' tlettex-il persuna).* Illi ghalhekk dawn il-provi ma humiex ammissibbli."

Frankament din il-Qorti baqghet ma tistax tifhem ezattament din l-eccezzjoni bbazata fuq l-Artikolu 405. Fil-kors tat-trattazzjoni tad-9 ta' Frar, 1999 quddiem din il-Qorti, id-difensur tal-

akkuzat ta x'jifhem li r-raguni ghal din l-eccezzjoni kienet li l-persuni msemmija ma kienux xehdu fl-istruttorja. Pero' anke jekk dawn ma kienux xehdu fl-istruttorja -- li ma hux il-kaz, ara n-nota tal-Avukat Generali tat-22 ta' Frar, 1999 -- l-Avukat Generali xorta wahda kellu d-dritt li jinkludihom fil-lista tax-xhieda tieghu a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 435(1) tal-Kap. 9. Gie suggerit ukoll li l-bazi ta' din l-eccezzjoni kien il-fatt li meta dawn xehdu fl-istruttorja wara rinviji tal-Avukat Generali, dawn ma kienux effettivament intalbu mill-Avukat Generali fir-rinviji relattivi. Il-Qorti, pero', tosserva li n-noti ta' rinviju ta' l-Avukat Generali invarjabbilment jikkontjenu t-talba, generalment l-ahhar wahda, "Tisma kull prova ohra li ggib il-Pulizija", b'mod li xhieda li ma jkunux imsemmija b'isimhom jew xort'ohra identifikati mill-Avukat Generali, izda li jkunu jridu jressqu l-Pulizija Ezekuttiva, ikunu dejjem koperti b'dik in-nota ta' rinviju.

**Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda bazi legali ghal din il-hames eccezzjoni, u konsegwentement qed tirrespingiha.**

**6.** Kwantu ghas-sitt eccezzjoni, din tghid hekk:

"Illi anke ghal dak li jirrigwarda dokumenti ezibiti, il-partijiet li ghandhom x'jaqsmu mad-deposizzjoni tax-xhieda li hemm fl-atti ta' l-istruzzjoni migbura kontra l-akkuzat, u li ma gewx prodotti a tenur tal-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali, huma wkoll mhux ammissibbli. Kif huma wkoll mhux ammissibbli dawk l-oggetti ezibiti, u li ma jinkwadrawx ruhhom mad-dispozizzjoni tal-ligi ghall-produzzjoni taghhom."

**Ghall-istess ragunijiet moghtija in konnessjoni mal-hames eccezzjoni, anke din is-sitt eccezzjoni qed tigi respinta.** Jizdied jinghad biss li la fil-kors tat-trattazzjoni u anqas fin-nota tal-akkuzat tat-22 ta' Frar, 1999 ma gie indikat liema huma d-dokumenti jew l-oggetti li l-akkuzat qed jirreferi ghalihom.

**7.** Is-seba' u l-ahhar eccezzjoni taqra hekk:

"Illi ghal dak li jirrigwarda Doc S u Doc S1 dawn ma humiex ammissibbli, in kwantu prodotti in vjolazzjoni, *inter alia*, tad-drittijiet kostituzzjonali tal-esponenti."

Minn dak li setghet tifhem din il-Qorti -- ghax l-akkuzat fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu ma ghamel ebda sforz biex jipprova jelucida din l-eccezzjoni -- id-Dokument S (a fol. 424 tal-atti tal-istruttorja) hija "casette tape" li fuqha hemm registrati konversazzjonijiet telefonici bejn l-akkuzat u membri tal-familja tieghu, inkluza martu, u li saru waqt li hu kien mizmum taht arrest preventiv fil-habs ta' Kordin. Id-Dokument S1 (fol. 438 sa 444) hi traskrizzjoni ta' dawn il-konversazzjonijiet. Fil-kors tat-trattazzjoni gew indikati tlett ragunijiet ghala dawn id-dokumenti ma humiex ammissibbli: (i) ghax ittiehdu bi ksur tal-ligi, (ii) ghax bhala konversazzjonijiet bejn l-akkuzat u martu dawn huma kunfidenzjali, u fit-tielet lok (iii) ghax ir-

registrazzjoni saret bi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-akkuzat. Dwar din it-tielet raguni il-partijiet qablu li hemm kawza kostituzzjonali pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u ghalhekk ma jkunx opportun li din il-Qorti (il-Qorti Kriminali) tghid wisq. Jinghad biss -- u dan b'referenza kemm ghal din it-tielet raguni kif ukoll b'referenza ghall-ewwel raguni -- li fis-sistema penali taghna il-fatt li prova tkun inkisbet bi ksur ta' xi ligi ma jgibx bhala konsegwenza li dik il-prova tkun inammissibbli. Naturalment dak il-fatt tal-ksur ta' dik il-ligi jista', f'certi kazijiet, jincidi fuq il-piz li l-gudikant jaghti lil dik il-prova, pero' dik tkun kwistjoni ta' valur probatorju u mhux ta' ammissibilita'. Kwantu ghat-tieni raguni, u cioe' li t-tape u t-traskrizzjoni huma, in parti jew totalment, riproduzzjoni ta' konversazzjonijiet li l-akkuzat kellu ma' martu, dan il-fatt fih innifsu ma jirrendix dak id-dokument, u cioe' l-prova ta' dik il-konversazzjoni jew dawk il-konversazzjonijiet, inammissibbli. Jekk, per ezempju, ragel jammetti ma' martu li kkommetta delitt u dik l-ammissjoni tinstema' minn terza persuna, ma hemm xejn fil-ligi taghna li tipprojbixxi li dik it-terza persuna tixhed dwar dak li tkun semghet. L-istess principju japplika ghal kull haga ohra li l-akkuzat jista' talvolta jghid u li b'xi mod ikun relevanti ghall-"facts in issue" u li jew jinstema' minn terza persuna jew jigi b'xi mod registrat. Dan jinghad dejjem salv l-esistenza ta' xi "exclusionary rule" rikonoxxuta fil-ligi taghna (bhal, per ezempju, dwar il-"previous convictions" tal-akkuzat). Ghalhekk f'dana l-istadju din il-Qorti ma tara xejn inammissibbli fid-Dokumenti S u S1. Naturalment din il-Qorti mhix ser tidhol f'dana l-istadju f'kwistjonijiet ta' relevanza -- bhalma jidher li ghamlet il-Qorti Istruttorja bid-digriet taghha a fol. 430 -- u dan peress li tali kwistjoni tkun tirrikjedi ezami tal-provi kollha migjuba mill-partijiet, haga li se mai ghandha ssir fil-mori tal-guri u mhux f'dana l-istadju ta' eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar ammissibilita' ta' provi.

**Ghall-motivi premessi, tirrespingi s-seba' eccezzjoni tal-akkuzat.**

U b'dan il-mod tiddisponi mill-eccezzjonijiet kollha, u tordna l-prosegwiment tal-kawza."

Minn dik l-istess sentenza appella l-akkuzat Mario Camilleri permezz ta' rikors tal-appell prezentat fit-2 ta' Gunju 1999 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza minnu appellata in kwantu ddikjarat it-tieni kap tal-akkuza null u tirrevoka in kwantu ma laqghetx l-ewwel, it-tieni, l-ewwel parti tat-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' eccezzjonijiet tieghu, u billi takkolji l-istess talbiet kontenuti fl-imsemmija nota ta' eccezzjonijiet skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet it-trattazjoni ;

Ikkunsidrat :-

Ir-rikors tal-appell huwa koncepit u redatt b'riferenza sekwenzjali ghad-diversi eccezzjonijiet tal-appellant li gew michuda mill-Ewwel Onorabbli Qorti bis-sentenza appellata.  Wara li hasbet fuq hekk, din il-Qorti tara li jkun ahjar illi l-istess appell jigi trattat fuq kull eccezzjoni separatament u seriatim.

Ser jigi konsidrat ghalhekk, u fl-ewwel lok, l-appell tal-akkuzat in kwantu jirreferi ghall-ewwel eccezzjoni tieghu.

Huwa appena necessarju jigi rilevat li din l-ewwel eccezzjoni tirrigwarda d-diskrezzjoni assoluta illi l-Kap 101 jaghti lill-Avukat Generali biex f'certi kazijiet li jinvolvu ksur serju tal-istess Ligi, jiddeciedi jekk dak li jkun jigix processat mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Magistrati.  Dan il-punt kien diga' gie ssollevat f'okkazjonijiet precedenti fosthom fil-kaz tar-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Grech et li ghalih tirreferi s-sentenza appellata u li abbazi ta' liema iddecidiet illi tiddikjara t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali bhala frivola u <u>vessatorja</u> fis-sens tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (3) tal-Kap 319 u ghalhekk irrispingietha.

L-appellant jissottometti illi l-kwistjoni minnu sollevata ma hix frivola u vessatorja.  Huwa jsostni li l-Ewwel Qorti dehrilha li riedet tibbaza d-decizjoni taghha fuq il-punt illi gja' la darba din il-kwistjoni kienet diga' dibattuta fil-kors tal-kawza kostituzzjonali in re David Grech xi ghaxar snin ilu, allura din il-kwistjoni issa hija permament maghluqa u m'ghandix terga tinfetah.  Huwa jissottometti li dan mhux pronunzjament korrett.  Fis-sistema taghna, infatti, ahna m'ghadniex il-kuncett ta' "binding precedent".  Ghalhekk, jissottometti l-appellant, il-fatt li dan il-punt diga' gie deciz ma jfissirx li ma jistax jerga jigi sollevat.  Kieku kien sollevat mill-istess rikorrenti f'dak il-kaz, wiehed forsi allura jibda jifhem il-vessatorjeta'.  Pero', huwa jaghmilha cara li ghandu d-drittijiet tieghu distinti u separati minn dawk ta' kull akkuzat iehor fi process estraneju ghalih u jekk huwa jhoss li dawn qed jigu lezi allura ma jistenniex li flok riferenza ghall-Qorti Kostituzzjonali l-punt tieghu jigi sopress bhala wiehed frivolu u vessatorju.

L-appellant jispjega li fil-kaz ta' David Grech l-akkuza kienet ta' koltivazzjoni ta' droga, mentri fil-kaz odjern l-akkuza hi wahda ta' traffikar.  Fil-kaz tieghu, inoltre, l-piena hija dik possibilment ta' ghomru il-habs mentri fil-kaz ta' Grech, il-ligi dak iz-zmien ma kienitx tikkontempla dik il-piena.  L-appellant jirrileva wkoll li fil-kaz ta' Grech il-Qorti Kriminali wkoll kienet qalet li l-kwistjoni kienet vessatorja, pero' l-Qorti tal-Appell Kriminali ma qablitx u rriferiet il-kaz lill-Qorti Kostituzzjonali.

F'dan ir-rigward l-appellanti jissottometti illi ma hemm l-ebda dubbju li kull persuna li ghandha konoxxenza ta' principji legali u ta' gustizzja, tirrejalizza illi din il-posizzjoni ma tistax tibqa kif inhi.  Huwa jistaqsi : kif jista' qatt xi hadd jifhem, illi tali diskrezzjoni ghandha tithalla f'idejn l-Avukat Generali, li ghandu f'idejh decizjoni ta' meta persuna fuq l-istess ksur ta' ligi jista' jkollha l-kaz taghha mismugh u deciz mill-Qorti tal-Magistrati fejn il-piena massima hi ta' ghaxar snin u sitwazzjoni ohra li tigi riferita lill-Qorti Kriminali fejn il-piena hija tal-ghomor il-habs.  L-appellanti jikkontesta il-legalita' tad-disposizzjoni tal-ligi li tistipola dan, specjalment minhabba l-fatt illi mhux biss il-piena ghall-istess delitt hija sostanzjalment differenti u tiddependi biss mill-Avukat Generali

imma d-diskrezzjoni tal-istess Avukat Generali ma hi marbuta ma' ebda principji godda.

Dejjem fl-istess kuntest, huwa jissottometti wkoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti espremiet ruhha li hija ma thossx li l-indipendenza taghha qeghda tigi affetwata bid-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali skond l-artikolu 22 (2) tal-Kap 101. Skond l-Ewwel Qorti l-indipendenza taghha hija marbuta mal-mod kif inhi, skond il-ligi komposta u kostitwita' u li la n-natura tal-kawza li tingieb quddiemha kif inqas kif tingieb quddiemha ma jistghu remotament jincidu fuq tali ndipendenza. Fil-fehma tal-appellant din hi tifsira da parti tal-ewwel Onorabbli Qorti dwar l-indipendenza taghha li hu jqis tradizzjonali u ristretta hafna u tinjora il-kuncett kardinali li essenzjalment Qorti hija l-gwardjan tad-drittijiet tac-cittadin. Dejjem fl-istess kuntest l-appellant jistaqsi kif tista' l-Qorti thossha ndipendenti fl-ezercizzju li tamministra l-Gustizzja permezz tas-sentenza taghha meta hi tkun taf li trid bilfors tinfliggi piena akbar ghall-istess delitt sempliciment ghaliex l-Avukat Generali uzurpa diskrezzjoni li bil-ligi ghandha tkun f'idejn l-istess Qorti.

Is-sottomissjoni tal-appellant f'dan ir-rigward, ghalhekk, hija li f'kull kaz l-eccezzjoni tieghu ma kellhiex tigi ddikjarata bhala vessatorja jew frivola. Huwa jissottometti li una volta, jigi deciz li l-artikolu 22 (2) hu fil-fatt null u bla effett fil-ligi, ghaliex jikser id-dritt fundamentali tieghu, a tenur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea, l-pozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti Kriminali trid tigi riveduta. Di piu', huwa ghandu dritt illi jiehu quddiem il-Kummissjoni Ewropea l-kaz tieghu, pero', l-ewwel irid jezawrixxi r-rimedji lokali miftuha ghalih. Bis-sentenza appellata qeghdin jinghalqulu l-bibien kollha. Huwa jhoss li dan hu kaz klassiku fejn anzi jokkori li l-artikolu 22 (2) tal-Kap 101 jigi abrogat b'mod definittiv.

Din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni tal-appellant li jhossu ristrett fi sqaq legali f'sistema fejn ma jezistix il-principju tal-precedent u ta' l-istess decesis. Mhux sew pero' li jipprova jipprezenta l-ilment jew aggravju tieghu b'mod li mhux biss jinjora dak li jipprovdu l-istess Kostituzzjoni u Kap 319 li hu stess jinvoka u minflok jallega li l-Avukat Generali "uzurpa diskrezzjoni li bil-ligi ghandha tkun f'idejn l-istess Qorti" ghall-liema l-ewwel Onorabbli Qorti hu anki kompjacenti.

M'hemmx dubbju li l-appellant kellu kull dritt jqanqal il-kwistjoni mill-gdid quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, pero', fit-termini tal-istess Kosituzzjoni u tal-Kap 319 daqstant iehor l-ewwel Onorabbli Qorti kellha d-dritt tiddeciedi kif iddecidiet u cioe' li t-tqanqil tal-kwistjoni, ga deciza precedentement mill-Qorti Kostituzzjonali u anki konsidrata mill-Kummissjoni tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg kienet frivola u vessatorja.

Appena deciz il-punt mill-ewwel Onorabbli Qorti, pero', jiskattaw iz-zewg disposizzjonijiet li hemm fil-Kostituzzjoni u l-Kap 319 rispettivament li jeskludu li jkun hemm appell meta d-decizjoni tkun li t-tqanqil tal-kwistjoni jkun frivolu jew vessatorju.

Fic-cirkustanzi, din il-Qorti, ghalkemm, kif spjegat, tapprezza l-ilment tal-appellant, bhal ma apprezzat dak ta' ohrajn qablu, ma tarax li tista' taggira l-ligi u tippermetti appell meta dan hu espressament eskluz. Dana multo

magis konsidrat li din mhux Qorti Kostituzzjonali imma Qorti ta' gurisdizzjoni Kriminali jigi precizat ukoll, pero', u dan peress li l-appellant qed jipprospetta sqaq gudizzjarju ghalih u ghal haddiehor, bla ebda rimedju, biex dan il-punt jigi xi darba rivedut jekk mhux mibdul, li dan mhux korrett. Mhux eskluz fil-fatt, li anki minhabba emendi li sau ghall-Kap 101 fejn giet introdotta l-piena ghal ghomor u din grat anki awmentata ghal 30 sena, ic-cirkostanzi jistghu jaghtu lok ghal indagini ulterjuri fil-provi kompelenti. Pero' mhux f'dan il-kaz, cioe' l-appell odjern.

Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Il-parti li jmiss li tigi deciza hija dik li tirrigwarda t-tieni eccezzjoni li giet michuda mill-Ewwel Qorti bis-sentenza appellata.

Essenzjalment, b'dik l-eccezzjoni, kif hemm spjegat tajjeb fis-sentenza appellata, l-appellant ippretenda li gja' la darba l-Avukat Generali kien qed jakkuzah bir-reat kontinwat ta' traffikar, liema reat beda jokkorri jew jigi kommess qabel l-emendi ntrodotti bl-att XVI tan-1996, il-piena ghar-reat ghandha tkun dik ta' qabel ma gew introdotti dawk l-emendi u mhux, applikabbli ghalhekk, il-piena tal-ghomor.

L-appellant jissottometti fir-rigward illi filwaqt illi hu veru illi l-kuncett u r-reat kontinwat hu "fictio iuris", l-awturi citati mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma jghinux fl-ezami akkurat tal-punt in kwistjoni. Dak li qed jecepixxi hu hu illi l-piena ghal dan id-delitt, fil-kaz li tinstab htija, ghandha tkun il-piena stabbilita' qabel l-emendi tal-5 ta' Lulju 1996. Kwindi l-piena mandatorja ghall-ghomor il-habs mhix applikabbli.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-dawl tar-riflessi u sottomissjonijiet ta' l-appellant u jidhrilha illi d-decizjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward hija ineccepibbli u ma jaghmilx sens illi jigi deciz dak li qed jigi suggerit mill-appellant. Dana qed jigi deciz ghall-istess ragunijiet dettaljament u tant tajjeb spjegati fl-istess sentenza appellata. Din il-Qorti infatti ma jidhrilix li hu l-kaz illi zzid ma' dak li hemm fiha peress illi taqbel perfettament ma' dak li ntqal hemm.

Il-punt li jmiss jirrigwarda s-sottomissjonijiet, cioe' l-aggravju tal-appellant in kwantu dirett ghad-decizjoni tal-Ewwel Qorti li tichad ir-raba' eccezzjoni tieghu.

Kif hemm fis-sentenza appellata, permezz tar-raba' eccezzjoni, l-akkuzat issottometta li hemm konkors formali bejn it-tielet u l-ewwel kapi tal-Att tal-Akkuza. L-Ewwel Onorabbli Qorti rrispengiet din ir-raba' eccezzjoni tal-akkuzat.
Fir-rigward, l-appellant jissottometti li nonostante d-definizzjoni wiesa' ta' traffikar moghtija fl-artikolu 22 (1B) tal-Kap 101, fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni mhix qeghda tallega li huwa ma kienx fil-pussess materjali jew kostruttiv tad-droga. Ghalhekk dak li jintqal b'mod generali mill-Ewwel Qorti li "wiehed jista' jittraffika minghajr qatt ma jkun fil-pussess materjali tad-droga" mhux applikabbli ghal dan il-kaz. Il-Prosekuzzjoni, fil-fehma tal-appellant, ma tistax tifformola att ta' akkuza bhal ma sar f'dan il-kaz. Fil-kaz odjern il-

prosekuzzjoni qed tintrabat ma' tezi u akkuzatu li kien fil-pussess tad-droga u spaccaha. Hawnhekk mhux il-kaz li jigi argumentat li jekk prosekuzzjoni ma jirnexxiliex fl-akkuza tat-traffikar, il-prosekuzzjoni ghandha jkollha l-opportunita' li tipprova ghallinqas il-pussess. Li qed jinghad hu li jekk huwa jinstab hati ta' traffikar, it-tielet kap ghandu jkollu effett alternattiv u f'dan il-kaz il-gurija m'ghandhiex tidhol biex tiddiskuti jew tiddeciedi l-akkuza tal-pussess. Bil-kuntrarju jekk huwa ma jinstabx hati ta' traffikar, allura jkun il-kaz li t-tielet kap jigi diskuss mill-gurija. Kwindi, li jinghad hu, li t-tielet kap ghandu jkun alternattiv ghall-akkuza ta' traffikar, pero' m'ghandux ikollu ezistenza separata f'kaz li tinstab htija dwar it-traffikar. L-appellant jissottometti li ma jaqbilx li s-sentenza ta' "Agnew" twassal ghal xi konkluzjoni opposta minn dak li qed jasal ghaliha hu.

Anki hawn din il-Qorti assolutament u bl-ikbar mod kategoriku ma taqbilx mas-sottomissjoni jew mal-aggravju ta' l-appellant u tara illi d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward hija ineccepibbli. Infatti, huwa ovvju ghal din il-Qorti illi l-argument kollu tal-appellant huwa bbazat fuq xi tkun il-pozizzjoni una volta tinstab htija tal-ispaccar kif hemm fl-att tal-akkuza. Se mai dik tkun kwistjoni ohra li tista' tinvolvi l-assorbiment ta' reat f'iehor, pero', certament ma teliminax in-necessita', anzi l-obbligu, li jkun hemm anki verdett fuq l-akkuza tal-pussess. Dana minhabba li m'hemmx il-konkors formali li hu qed jippretendi, ghax tonqos li-inxindibbilita' ta' guridika necessarja ghal konkors formali tad-delitti Ghalhekk, din il-Qorti ma tarax illi tista' takkolji dan l-aggravju tal-appellant u ser tghaddi biex tikkonsidra l-aggravju li jmiss u li jirrigwarda l-hames eccezzjoni tieghu.

Il-hames eccezzjoni fis-semplicita' taghha, anki jekk l-Ewwel Qorti, bir-ragun, gieha dubbju jekk kienitx qed tifhem tajjeb jew le dak li kien qed jigi sottomess, tinsab madankollu spjegata b'mod succint, imma car, fis-sentenza appellata u ma jidhrilix din il-Qorti li ghandha ghalfejn tispjega ulterjorment.

Pero', ma jistax jinghad l-istess ghar-rigward tas-sottomissjonijiet tal-appellant.

L-appellant jibda biex jghid illi huwa veru li fil-kors ta' trattazzjoni, inizjalment l-avukat tieghu esprima verzjoni differenti mill-vera interpretazzjoni ta' din l-eccezzjoni. L-Ewwel Qorti kienet taf li dan il-malintiz kien dovut ghall-fatt li n-nota tal-eccezzjonijet kienet giet redatta mill-Professur Guido DeMarco u li l-avukati li ssuccedewh kienu ghadhom kemm assumew il-patrocinju. Pero', jispjega l-appellant, f'seduta sussegwenti kienu z-zewg partijiet li spjegaw in-natura tal-eccezzjoni. Fi kwalunkwe kaz, jispjega l-appellant, jidher li kien hemm malintiz u li huwa opportun li dan l-aggravju jitpogga fil-prespettiva propju tieghu.

L-appellant jissottometti li s-sub titolu 2 (2) li jitkellem fuq il-Qorti tal-Pulizija Gudizzjarja, jistipola n-normi ta' principju, u ta' procedura legali rigwardanti l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' istruttorja. L-artikolu 390 tal-Kodici Kriminali isemmi l-mod ta' procedura fil-kumpilazzjoni fejn bazikament il-Qorti tisma' u tikkompila l-provi bil-miktub li jingiebu biex isahhu r-rapport bil-gurament tal-Ufficjal Prosekutur. L-artikolu 391 tal-istess Kodici isemmi illi x-

xhieda jigu ezaminati mill-Qorti, kif ukoll fit-termini tal-artikolu 396 kull dokument migjub jigi kontro-firmat mill-Magistrat. Skond l-artikolu 401 tal-istess Kodici, mbaghad, il-kumpilazzjoni ghandha tinghalaq fi zmien xahar, liema perjodu jista' jigi prorogat skond kif tghid il-ligi. F'gheluq il-kumpilazzjoni, l-Qorti ta' istruttorja tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht Att ta' Akkuza.

Fil-fehma tal-appellant, ghalhekk, il-pozizzjoni legali temergi cara bizzejjed u cioe' illi l-prosekuzzjoni trid tressaq il-provi qabel l-gheluq tal-kumpilazzjoni in sostenn tar-rapport bil-gurament tal-Ufficjal Prosekutur. Fil-kaz odjern, il-Qorti ta' istruttorja fuq il-provi li jingiebu qabel l-gheluq tal-kumpilazzjoni, iddecidiet li hemm ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht Att ta' Akkuza. Kwindi, abbazi tal-artikolu 401 (3) tal-Kodici Kriminali, l-atti tal-kumpilazzjoni, flimkien mal-oggetti li kellhom x'jaqsmu mal-allegat delitt, gew mibghuta mill-Qorti lill-Avukat Generali.

Minn dan l-istadju 'l quddiem, jispjega l-appellant, jiskatta l-provvediment tal-artikolu 405 (1) u (2). Fi kliem iehor jitwieled id-dritt in via eccezzjonali ghar-regola li l-provi, proprjament u strettament, ghandhom jingiebu qabel l-gheluq tal-kumpilazzjoni u, b'talba bil-miktub, jista' jkun hemm mistoqsijiet ohra lix-xhieda li jkunu gja' nstemghu, jew li l-Qorti tisma' xhieda godda. Id-dicitura tas-sub-artikolu 2 tal-artikolu 405 tistipola li ghal dan l-iskop l-Avukat Generali ghandu jaghmel talba bil-miktub u fiha ghandu jfisser fuq x'hiex ghandu jsir l-ezami jew l-ezami mill-gdid tax-xhieda.

L-appellant jissottometti li hija din il-proprju bazi tal-hames eccezzjoni tieghu. Fil-kaz tal-persuni ndikati fin-nota tieghu, fil-fehma tieghu, l-Avukat Generali ma segwix la l-ittra u lanqas l-ispirtu tal-ligi. Il-legislatur qatt ma kien qed jippermetti li jigi prospettat il-fatt li x-xhieda ghandhom, jew jistghu, jingiebu wara l-gheluq tal-kumpilazzjoni. Il-legislatur ried pero', in via eccezzjonali, li l-Avukat Generali jkollu l-opportunita' li jekk ikollu mistoqsijiet ulterjuri x'jaghmel lix-xhieda li jkunu diga' nstemghu qabel l-gheluq tal-kumpilazzjoni, dan ikun jista' jaghmlu. Il-legislatur ried ukoll illi l-prosekuzzjoni tkun tista' tisma' xhieda godda. Il-kelma godda ghandha tigi nterpretata b'mod li l-Prosekuzzjoni ma kienitx taf bl-ezistenza taghhom qabel l-gheluq tal-kumpilazzjoni, u kienu ghalhekk godda ghaliha peress li gew a konjizzjoni taghha wara l-gheluq tal-kumpilazzjoni.

In vista ta' dan l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta tat "blanket provision" lin-noti tar-rinviji tal-Avukat Generali, stante li dawn jipprovdu b'mod stereotyped, "tisma' kull prova ohra li ggib il-Pulizija". Kienet skorretta l-Ewwel Qorti fil-fehma tal-appellant li tiddeciedi li tali xhieda, anke jekk ma jkunux imsemmija b'isimhom, ikunu dejjem koperti b'dan il-kliem fin-nota tar-rinviju. Fil-fehma tal-appellant dan hu dijametrikament oppost ghall-ispirtu u l-ittra tal-ligi fl-artiklu 405. Ghalhekk, abbazi tal-eccezzjoni tieghu, fil-kaz li l-kelma "godda" tigi nterpretata bil-mod kif qed jissottometti hu, kemm mix-xhieda ndikati, kif ukoll it-testimonjanza taghhom, huma inammissibbli b'mod illi x-xhieda mhumiex ghalhekk producibbli waqt il-guri.

Din il-Qorti ma taqbilx la li l-Ewwel Qorti ma fehmitx il-vera sustanza tal-eccezzjoni "de quo", kif anqas illi d-decizjoni taghha fir-rigward tmur kontra l-

ittra u l-ispirtu tal-artikolu 405 (2) tal-Kodici Kriminali. Ir-raguni ghal dan hija wahda semplici, u cioe', illi l-appellant qed ihares lejn l-artikolu 405 bhala xi wiehed li jistabilixxi principji li jmorru oltre l-istadju tal-kumpilazzjoni meta evidentament mhuwiex il-kaz. Anzi l-ligi, kif irrilevat l-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-artikolu 435 (1), taghti l-fakulta' lill-Avukat Generali li jgib provi ohra ma' dawk li jkunu ngiebu fil-kumpilazzjoni u m'hemmx dubju illi provi ohra jinkludu wkoll xhieda ohra li ma jkunux xehdu fil-kumpilazzjoni. S'intendi jrid jigi rispettat il-principju tal-"*parity of arms"* fil-process kriminali u fuq dan din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn taghti direzzjonijiet lill-Ewwel Qorti ghaliex certament din tafhom daqsha. Fil-fatt din il-Qorti taghmilha cara li dak li hu kontra l-ittra u l-ispirtu tal-ligi huwa dak li qed jippretendi l-appellant

Dak li ghadu kif inghad, u cioe' dak li essenzjalment hemm provdut fl-artikolu 435 (1) tal-Kodici Kriminali, jirregola wkoll l-aspetti legali involuti fissitt eccezzjoni sollevata mill-appellant f'prim'istanza u deciza kontrieh bis-sentenza appellata. Fuq l-istess bazi ta' dak illi jinghad fuq, kif ukoll ta' dak illi hemm fis-sentenza appellata, tenut kont anki tas-sottomissjonijet li saru mill-appellant, din il-Qorti ma tarax illi huwa l-kaz li s-sitt eccezzjoni tigi akkolta meta l-hames wahda ma gietx. Il-principju legali li jirregola l-materja huwa l-istess u ghalhekk anki s-sitt eccezzjoni tibqa' michuda kif deciz mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Baqa' s-seba' eccezzjoni li hija l-ahhar wahda. Il-mertu ta' din l-eccezzjoni jinsab spjegat tajjeb fis-sentenza appellata u din il-Qorti mhix ser telabora fuqu. Sejra, pero', tispjega x'inhu l-ilment tal-appellant.

L-appellant, fl-ewwel lok, jsib oggezzjoni ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti fir-rigward tieghu u ta' din l-eccezzjoni u cioe' li "ma ghamel ebda sforz biex jipprova jelucida din l-eccezzjoni".

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-ewwel punt mhux daqstant importanti ghaliex essenzjalment, anki ndipendentament jekk dan hux skorret jew le, x'inhi s-sustanza ta' din l-eccezzjoni kien jemergi car u l-Ewwel Qorti taghtu bizzejjed attenzjoni.

L-appellant ghal kjarezza, pero', jissottometti li ndipendentament mill-kwistjoni tal-kostituzzjonalita' o meno relattiva ghal esibizzjoni u l-uzu tad-dokumenti S u S1, hemm il-kwistjoni tal-ammissibilita' sollevata minnu, u din hija materja illi missha giet diskussa mill-Qorti ta' kompetenza Kriminali.

In effetti din il-Qorti tosserva illi ezami akkurat tas-sentenza appellata jindika li din l-eccezzjoni giet essenzjalment konsidrata mill-Ewwel Qorti f'dan il-kuntest illi ghadu kemm issemma cioe', dak tal-ammissibilita' u deciza proprju fuq il-bazi ta' dak illi precedentement il-Qrati taghna ta' kompetenza kriminali ddecidew fir-rigward, cioe', fuq bazi ta' gurisprudenza pjuttost kostanti.

L-appellant jissottometti li hu veru li sal-lum fis-sistema penali taghna l-fatt li prova tkun inkisbet bi ksur ta' ligi, ma ggibx bhala konsegwenza li dik il-prova issir inammissibbli. Din ir-regola, pero', jissottometti l-appellant, mhux dogma. L-evoluzzjoni tal-hsieb liberu fejn jidhlu principji legali u kriterji ta'

gustizzja mhumiex rigidi b'mod illi ma jhallux lok ghall-riflessjonijiet u hsibijiet godda li jistghu jbiddlu principju tradizzjonali. In effetti l-appellant jissottometti li wasal iz-zmien, li din il-Qorti tirrevedi l-gurisprudenza taghha u tibdilha.

Din il-Qorti ser taqta' fil-qasir fuq din l-eccezzjoni fis-sens illi ser tiddikjara li ma tarax, la li wasal iz-zmien - apparti li din mhix kwistjoni ta' zmien – u anqas li hemm ragunijiet legali validi bizzejjed biex jikkonvicuha illi ghandha tirriforma l-gurisprudenza taghha fir-rigward tal-punt involut fis-seba' eccezzjoni tal-appellant li korrettament ghalhekk giet rigettata mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Hemm in ballo wkoll, u ghadha mhix deciza, l-ewwel parti tat-tielet eccezzjoni tal-appellant illi fuqha f'dan l-istadju ma sarux sottomissjonijiet la in iskritt kif anqas oralment. Pero', l-appellant jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata anki in kwantu din cahdet l-ewwel parti tat-tielet eccezzjoni minnu sollevata.

Din il-Qorti ezaminat akkuratament il-parti relattiva tas-sentenza appellata fil-parametri li tidher illi nghatat u ma tarax li hu l-kaz, anki, fuq il-bazi ta' dak li inghad supra fuq ir-reat kontinwat, illi tvarja dik il-parti tad-decizjoni appellata.

F'din l-istanza ssemma' l-fatt illi wara illi nghatat is-sentenza appellata u anki wara li kien gie prezentat ir-rikors tal-appell, in segwitu ghad-decizjoni kontenuta fis-sentenza appellata li tiddikjara null it-tieni kap tal-att tal-akkuza, l-Avukat Generali, kien permezz ta' rikors prezentat fl-4 ta' Gunju tan-1999, talab li jissostitwixxi ghat-Tieni Kap dikjarat null, Kap gdid. Kien hemm opposizjoni minn naha tal-appellant odjern li giet spjegata kemm f'nota, kif ukoll f'rikors appozitu, fejn anki talab ir-revoka "contrario imperio" tad-digriet tal-Ewwel Qorti li tammetti dan it-Tieni Kap gdid. Din il-Qorti ser thalli din il-kwistjoni impregudikata 'il ghaliex effettivament, proceduralment, ma tistax tghid li ghandha appell quddiemha fuq hekk. Jigifieri qed jigi precizat li s-sentenza tal-lum ma tkoprix, u anqas mhi qeghda b'xi mod tikkontjeni xi opinjoni, tanto meno decizjoni ta' din il-Qorti fir-rigward l-ewwel tad-decizjoni tal-Ewwel Qorti li tammetti s-sostituzzjoni tat-tieni kap tal-att tal-akkuza wara s-sentenza taghha u t-tieni decizjoni taghha sussegwenti li tichad it-talba tal-akkuzat, illum appellant, ghar-revoka "contrario imperio" tal-istess decizjoni.

Konsegwentement, tiddisponi mill-appell tal-akkuzat billi tichdu u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-atti qed jigu trasmessi lura lill-ewwel Onorabbli Qorti ghal kontinwazzjoni skond il-ligi.

Dep/Reg
mg